# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 2.3

**Kap 2: Il-ħbieb iħobbuna**

**Lezzjoni 2.3: Nagħżlu ħbieb tajbin**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jagħrfu min huma tassew il-ħbieb tajbin u liema huma dawk ħżiena.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Storja 1.
- Storja 2.
- karti bi statements pożittivi u negattivi
- chart bajda u chart sewda
- Karta ta' Taħriġ 2.2: *Nagħżlu ħbieb tajbin.*

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal:
- Meta jkollna ħabiba kif nixtiquha, kif tkun? Tieħu ħsiebna u tħobbna jew li ddaħħalna f'xi nkwiet?
- Ħabiba vera rriduha tgħinna nkunu bil-ghaqal jew rriduha tagħmilna tfal imqarbin li ħadd ma jkun irid joqgħod magħna?



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Aqra storja 1 u staqsi lit-tfal x'ġara u x'kien hemm tajjeb u ħażin f'din l-istorja.
- Agħmel l-istess bi storja 2.
- Meta ma jkunx hemm it-tfal fil-klassi, aħbi sett ta' karti bi *statements* differenti miktuba fuqhom. Ma' kull waħda li jsibu staqsihom hux veru jew falz.
- Waħħal l-i*statements* it-tajbin fuq kartonċina bajda u l-ħżiena fuq kartonċina sewda. Wara dendilhom fil-klassi.
- Għin lit-tfal jiktbu l-verbi fil-pupi t-tajjeb.

- Aqrawhom flimkien u għidilhom li dawn iċ-charts ser jgħinuna niftakru kif għandna nagħżlu l-ħbieb.

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.2 u agħtihom ftit ċans jaħsbu dwar Attività 1. Din ser tkun repetizzjoni tal-Attività li tkun għadha kif saret bil-karti.

- Aqra Attivita 2 . Spjega s-sentenza u wara stieden lit-tfal jimmarkaw kif iħossu.

- Ara li kulħadd spiċċa bir-risposta t-tajba.

- Iddiskuti Attività 3 dwar Sam u Tara u enfasizza l-importanza tal-għaqal u li nobdu.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Nagħżlu ħbieb li jgħinuna nagħmlu affarijiet tajba.
2. Nevitaw il-ħbieb li ma jgħallmuniex affarijiet tajba.
3. Nitgħallmu nagħżlu dak li huwa ta' ġid għalina.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

It-tfal jifhmu li għalkemm għadhom żgħar, iridu joqogħdu attenti li jagħżlu sew u jkollhom ħbieb tajbin.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**



**Nitolbu**

Ġesù għinni nagħżel ħbieb tajba li

jgħinuni nkun tifel / tifla bil-għaqal.

